# ĠLIEĠEL

## (NHAR L-IMNARJA)

Ħej, Poni, ħej u ġerri!—ġol-wileġ u ġox-xagħri
Żejjintek bl-isbaħ warda—li sibt hawn ġewwa l-qsari
Ġelġilli l-ġlieġel dejjem—u tella' rasek fl-arja
Nixtrilek l-isbaħ molol—u nieħdok nhar l-Imnarja

Ej lebbet debba sewda—ja dbejba bellusija
Ġelġilli ġo widinti—il-ġlieġel ferriħija
Il-ġlieġel ta' l-imqawel—il-ġlieġel tal-merħliet,
Ġelġil ta' ġlieġel ħlejju—li nisma' ġewwa l-wied.

Il-ġlieġel f'għonq il-mogħża—mill-bgħid dejjem ġej qrib
Jasalli u jġelġilli—ma' l-għajta tal-ħalib
U ġelġlu ġlieġel u għannu—u l-belt tiegħi ħallulha
Il-fwieħa, is-safa, il-ħlewwa—u l-hena ta' l-irħula.

Jien l-isbaħ rixa xtrajtha—għal ras iż-żiemel tiegħi
Bit-toppijiet imxattlu—u l-lum noħorġu miegħi
B'ħannieqa sbejħa mdawra—bi ġlieġel ġeġwiġija
Ħa jġelġel fit-tiġrija—ta' nhar Santa Marija.

U ġlieġel donnhom gazzi—irbattlu mal-kullar
Għaliex it-Tetu tiegħi—ma jridx joħroġ mid-dar
Bla ġlieġel...ġill... ġill... ġill... ġill...—it-Tetu m'huwa xejn
Mingħajrhom ma jkunx liebes—dal-ġeru ta' xahrejn.

Sal-Ħmar, sal-Ħmar iżommha—arah x'jitlob bil-ħniena
Irid ħannieqa mlewna—bil-ġlieġel u l-ġummiena
U jġelġel ċeklem ċeklem—għaddej bil-karrettun
U jġelġel...ġill...ġill...ġill...ġill... —ma' l-għanja tal-virdun.

MARY MEYLAK.